II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1629

tad-9 ta' Awwissu 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tal-kwantitajiet li jistgħu jiġu impurtati skont ċerti kwoti tariffarji fis-setturi taz-zokkor u tal-pollam wara l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187, il-punti (a) sa (e), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([2]) jistabbilixxi regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u jipprovdi regoli speċifiċi.

(2) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1056 ([3]), jemenda l-kwantitajiet tal-prodotti li għandhom jiġu importati skont xi kwoti tariffarji miftuħa favur il-Brażil. L-emendi jikkonċernaw il-kwoti tariffarji fis-settur tal-pollam bin-numri tal-ordni li ġejjin: 09.4211, 09.4214, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4253, 09.4410 u 09.4420 u l-kwota tariffarja 09.4318 fis-settur taz-zokkor, u l-ħolqien ta' żewġ kwoti tariffarji addizzjonali fis-settur taz-zokkor.

(3) Jenħtieġ li l-emendi li saru minn dak il-Ftehim jiġu riflessi fl-Annessi rispettivi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761: fl-Anness IV dwar il-kwoti tariffarji fis-settur taz-zokkor u fl-Anness XII dwar il-kwoti tariffarji fis-settur tat-tjur.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1056 tal-25 ta' Mejju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 142, 1.6.2023, p. 1).

(5) Jenħtieġ li l-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 japplikaw għall-perjodi tal-kwota tariffarja li jibdew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-operaturi jistgħu japplikaw għad-differenza bejn il-kwantitajiet il-ġodda u l-kwantitajiet diġà allokati matul il-perjodu tal-kwota tariffarja attwali mill-ewwel perjodu ta' applikazzjoni li jibda wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4211, 09.4214, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4410, u 09.4420 li huma maqsuma f'subperjodi, jenħtieġ li d-differenza bejn il-kwantitajiet il-ġodda allokati għas-subperjodi li diġà skadew u l-kwantitajiet effettivament allokati matul dawk is-subperjodi jkunu disponibbli għall-allokazzjoni mill-perjodu tal-allokazzjoni li jibda wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761

L-Annessi IV u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Meta l-perjodu tal-kwota tariffarja jkun diġà beda fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-differenza bejn il-kwantità l-ġdida u l-kwantitajiet diġà allokati għandha tkun disponibbli għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-kwantità l-ġdida għall-kwoti tariffarji 09.4211, 09.4214, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4410, u 09.4420 għandha timxi mar-regoli dwar id-distribuzzjonijiet bejn is-subperjodi previsti fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761. Id-differenza bejn il-kwantitajiet allokati u l-kwantità l-ġdida li baqgħet ma ntużatx fis-subperjodi li skadew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi allokata mill-ewwel perjodu ta' applikazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-ewwel perjodu ta' applikazzjoni wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi IV u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4318 hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela "Ftehim internazzjonali jew att ieħor" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Ftehim internazzjonali jew att ieħor**	**Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96** tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1894/2006** tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil relattivament għall-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni mal-Komunità Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 880/2009** tas-7 ta' Settembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għall-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/730** tal-25 ta' April 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1056** tal-25 ta' Mejju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea";

(ii) ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	Perjodu tal-kwota tariffarja 2022/2023: 308 518 000 kg. Perjodu tal-kwota tariffarja 2023/2024: 285 654 000 kg. Perjodu tal-kwota tariffarja 2024/2025: 353 219 000 kg. Perjodi tal-kwoti tariffarji mill-2025/2026: 363 654 000 kg.";

(b) wara t-tabella għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4318, jiddaħħlu t-tabelli li ġejjin għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4354 u għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4355:

"**Numru tal-ordni**	**09.4354**
Ftehim internazzjonali jew att ieħor	**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1056** tal-25 ta' Mejju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Le
Applikazzjoni għal-liċenzja	Skont l-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament
Deskrizzjoni tal-prodott	Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli għar-raffinar
Oriġini	Il-Brażil
Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha	Le
Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera	Iva. Skont l-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2023/2024: 5 963 000 kg. Perjodu tal-kwota tariffarja 2024/2025: 4 472 000 kg. Perjodi tal-kwoti tariffarji mill-2025/2026: 0 kg.
Kodiċijiet NM	1701 13 10 u 1701 14 10
Dazju doganali fil-kwota	EUR 11 għal kull 1 000 kg. Meta l-qari polarimetriku taz-zokkor importat mhux raffinat jibda minn 96 grad, ir-rata ta' EUR 11 għal kull 1 000 kg għandha tiżdied jew titnaqqas, kif xieraq, b'0,14 % għal kull deċimu ta' grad differenza stabbilit (skont l-Artikolu 34(1)(d) ta' dan ir-Regolament)
Prova tal-kummerċ	Iva. 25 tunnellata
Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni	EUR 20 għal kull 1 000 kg
Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni tal-liċenzja u fuq il-liċenzja	It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; il-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata. It-Taqsima 20 għandha tindika "Zokkor maħsub għar-raffinar" u t-test kif stabbilit fl-Anness XIV.3 Parti A ta' dan ir-Regolament
Perjodu ta' validità tal-liċenzja	Sa tmiem it-tielet xahar wara dak li fih ikunu nħarġu iżda mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru (skont l-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament)
Trasferibbiltà tal-liċenzja	Iva

Kwantità ta' referenza	Le
Operatur irreġistrat fil-bażi tad-*data* LORI	Le
Kundizzjonijiet speċifiċi	L-obbligu tar-raffinar skont l-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament

Numru tal-ordni	**09.4355**
Ftehim internazzjonali jew att ieħor	**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1056** tal-25 ta' Mejju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Le
Applikazzjoni għal-liċenzja	Skont l-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament
Deskrizzjoni tal-prodott	Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli għar-raffinar
Oriġini	Il-Brażil
Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha	Le
Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera	Iva. Skont l-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2024/2025: 5 963 000 kg. Perjodi tal-kwoti tariffarji mill-2025/2026: 0 kg.
Kodiċijiet NM	1701 13 10 u 1701 14 10
Dazju doganali fil-kwota	EUR 54 għal kull 1 000 kg. Meta l-qari polarimetriku taz-zokkor importat mhux raffinat jibda minn 96 grad, ir-rata ta' EUR 54 għal kull 1 000 kg għandha tiżdied jew titnaqqas, kif xieraq, b'0,14 % għal kull deċimu ta' grad differenza stabbilit (skont l-Artikolu 34(1)(d) ta' dan ir-Regolament)
Prova tal-kummerċ	Iva. 25 tunnellata
Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni	EUR 20 għal kull 1 000 kg
Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni tal-liċenzja u fuq il-liċenzja	It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; il-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata. It-Taqsima 20 għandha tindika "Zokkor maħsub għar-raffinar" u t-test kif stabbilit fl-Anness XIV.3 Parti A ta' dan ir-Regolament
Perjodu ta' validità tal-liċenzja	Sa tmiem it-tielet xahar wara dak li fih ikunu nħarġu iżda mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru (skont l-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament)
Trasferibbiltà tal-liċenzja	Iva

Kwantità ta' referenza	Le
Operatur irreġistrat fil-bażi tad-*data* LORI	Le
Kundizzjonijiet speċifiċi	L-obbligu tar-raffinar skont l-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament";

(2) L-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4211, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	124 497 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju";

(b) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4214, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	37 453 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju";

(c) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4217, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	91 767 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju";

(d) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4251, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	13 800 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju";

(e) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4252, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kg**	59 343 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju";

(f) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4253, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	295 000 kg";

(g) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4410, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	15 050 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu";

(h) fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4420, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	4 420 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu".